

32006R2033

L 414/66

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2033/2006**tal-21 ta' Diċembru 2006****li jiffissa l-prezzijiet Komunitarji tal-bejgħ ta' prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 għas-sena tas-sajd 2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(5) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-prezz tal-bejgħ tal-Komunità għandu jiġi ffixsat għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 qabel il-bidu tas-sena tas-sajd, f'livell tal-anqas ugwali għas-70 % u li ma jeċċedix id-90 % tal-gwida tal-prezz.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru .../...² jiffissa prezzijiet ta' gwida għas-sena tas-sajd 2007 għall-prodotti kollha kkonċernati.
- (3) Il-prezzijiet tas-suq ivarjaw konsiderevolment skont l-ispeċi u kif ikunu ppreżentati l-prodotti, partikolarment fil-każ tal-klamar u tal-marlozz.
- (4) Il-fatturi tal-konverżjoni għandhom għalhekk ikunu ffixsati għall-ispeċijiet differenti u l-preżentazzjonijiet tal-prodotti ffriżati li jinsabu fil-Komunità sabiex ikun stabbilit il-livell tal-prezz li jibda l-miżura ta' intervent previst fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.
- (5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd.

¹ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

² Għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, applikabbli matul is-sena tas-sajd 2007 għall-prodotti elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u l-preżentazzjonijiet u l-fatturi ta' konverżjoni li jirrelataw għalihom huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

| PREZZIJET TAL-BEJGĦ U FATTURI TAL-KONVERŻJONI | | | | |
|---|---|------------------------|-----------------------|-----------------------------------|
| Speċi | Il-preżentazzjoni | Fattur ta' konverżjoni | Livell ta' intervent: | Prezz tal-bejgħ (EUR/tunn ellata) |
| Ħalibatt ta' Greenland (<i>Reinhardtius hippoglossoides</i>) | Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha | 1,0 | 0,85 | 1654 |
| Marlozz (<i>Merluccius Spp</i>) | Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha | 1,0 | 0,85 | 1022 |
| | Fletti individwali | | | |
| | — bil-ġilda | 1,0 | 0,85 | 1243 |
| | — bla ġilda | 1,1 | 0,85 | 1367 |
| Sparidae : Pagri (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus spp.</i>) | Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha | 1,0 | 0,85 | 1335 |
| Pixxispad (<i>Xiphias gladius</i>) | Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha | 1,0 | 0,85 | 3467 |
| Gambli <i>Penaeidae</i> | Iffriżat | | | |
| (a) <i>Parapenaeus Longirostris</i> | | 1,0 | 0,85 | 3533 |
| (b) <i>Penaeidae</i> oħrajn | | 1,0 | 0,85 | 6782 |
| Siċċ (<i>Sepia officinalis</i> , <i>Rossia macrosoma</i> u <i>Sepiola rondeletti</i>) | Iffriżat | 1,0 | 0,85 | 1605 |
| Klamari (<i>Loligo spp.</i>) | | | | |
| (a) <i>Loligo patagonica</i> | — sħaħ, mhux imnaddfa | 1,00 | 0,85 | 993 |
| | — imnaddaf | 1,20 | 0,85 | 1191 |

| | | | | |
|--------------------------------|--------------------------|------|------|------|
| (b) <i>Loligo vulgaris</i> | — sħaħ, mhux imnaddfa | 2,50 | 0,85 | 2482 |
| | — imnaddaf | 2,90 | 0,85 | 2879 |
| Qarnit (<i>Octopus spp.</i>) | Iffriżat | 1,00 | 0,85 | 1792 |
| <i>Illex argentinus</i> | — sħaħ, mhux imnaddfa | 1,00 | 0,80 | 717 |
| | — tubu: | 1,70 | 0,80 | 1219 |

Forom ta' preżentazzjoni kummerċjali:

| | | | |
|---|------------------------|---|--|
| — | sħaħ, mhux imnaddfa | : | prodott li ma għadda minn ebda trattament, |
| — | imnaddfa | : | prodott li mill-inqas issewwa, |
| — | tubu | : | għisem ta' klamar li mill-inqas issewwa u tneħħietlu r-ras |